# RELIGION

## CoPe session
## May 2024

Għeżież għalliema,

Dan hu l-mod ta’ Assessjar għal din is-sena skolastika 2023-24.

L-Assessjat ser jibqa’ 60% Assessjar Kontinwu u 40% Assessjar Summativ.

L-Assessjar kontinwu ser jitqies hekk. Il-HW u Assessments ser jkunu ta’ 30%, ir-Riċerka 15% u l-Kitba Kreattiva 15%.

Bħala handouts ser ikollna 10, u dawn ser ikun fihom 3 marki kull waħda. Jekk ikollkom xi diffikulta kellmuna.

# Annual Mark = 100%

**60%**
**Continuous Assessment**

**40%**
**Annual Examination**

HW & Assessment
30%

Ričerka
15%

Kitba Kreattiva
15%

| SHOWCASE PORTFOLIO | 3 | 6 | 9 | 12 | 15 |
|---|---|---|---|---|---|
| **1. WORKSHEETS** | | | | | |
| **(a) il-kompetenza li jirrispondu t-tweġibiet** | L-istudent wieġeb ftit mill-mistoqsijiet mogħtija lilu. L- istudent ma laħaqx il-livell mistenni minnu u wera livell baxx fix-xogħol ippreżentat minnu. | L-istudent wieġeb inqas minn nofs il-mistoqsijiet li kellu jaħdem fl-eżerċizzji mogħtija lilu. | L-istudent wieġeb tajjeb għal iktar minn nofs il-mistoqsijiet li hemm fl-eżerċizzji mogħtija lilu. | L-istudent wieġeb tajjeb ħafna għall-maġġoranza tal-mistoqsijiet li hemm fl- eżerċizzji mogħtija lilu. | L-istudent wieġeb b'mod eċċellenti kull mistoqsija u kull eżerċizzju mogħti lilu mingħajr żbalji. |
| **(a) l-organizzazzjoni tax-xogħol** | Il-file tal-istudent mhux organizzat. Bosta handouts u worksheets huma neqsin u mhux maħduma. | Il-file tal-istudent mhux organizzat. Il-handouts u l-worksheets mhumiex organizzati kif suppost u jeħtieġ li juri iktar impenn. | L-istudent iżomm il-file b'mod tajjeb iżda jeħtieġ li l-handouts u l-worksheets jiġu organizzati aħjar. | L-istudent iżomm il-file b'mod tajjeb ħafna, il-handouts u l-worksheets mogħtija lilu huma miżmuma tajjeb ukoll. | L-istudent iżomm il-file b'mod organizzat ħafna, il-handouts u l-worksheets mogħtija lilu huma miżmuma b'mod eċċellenti. |

| SHOWCASE PORTFOLIO | 3 | 6 | 9 | 12 | 15 |
|---|---|---|---|---|---|
| **1. WORKSHEETS** | | | | | |
| **(a) il-kompetenza li jirrispondu t-tweġibiet** | L-istudent wieġeb ftit mill- mistoqsijiet mogħtija lilu. L-istudent ma laħaqx il-livell mistenni minnu u wera livell baxx fix-xogħol ippreżentat minnu. | L-istudent wieġeb inqas minn nofs il-mistoqsijiet li kellu jaħdem fl-eżerċizzji mogħtija lilu. | L-istudent wieġeb tajjeb għal iktar minn nofs il-mistoqsijiet li hemm fl-eżerċizzji mogħtija lilu. | L-istudent wieġeb tajjeb ħafna għall-maġġoranza tal-mistoqsijiet li hemm fl- eżerċizzji mogħtija lilu. | L-istudent wieġeb b'mod eċċellenti kull mistoqsija u kull eżerċizzju mogħti lilu mingħajr żbalji. |
| **(a) l-organizzazzjoni tax-xogħol** | Il-file tal-istudent mhux organizzat. Bosta handouts u worksheets huma neqsin u mhux maħduma. | Il-file tal-istudent mhux organizzat. Il-handouts u l- worksheets mhumiex organizzati kif suppost u jeħtieġ li juri iktar impenn. | L-istudent iżomm il-file b'mod tajjeb iżda jeħtieġ li l-handouts u l-worksheets jiġu organizzati aħjar. | L-istudent iżomm il-file b'mod tajjeb ħafna, il- handouts u l-worksheets mogħtija lilu huma miżmuma tajjeb ukoll. | L-istudent iżomm il- file b'mod organizzat ħafna, il-handouts u l-worksheets mogħtija lilu huma miżmuma b'mod eċċellenti. |

| 3. RIĊERKA | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 |
|---|---|---|---|---|---|
| *(a) l-impenn* | *L-istudent m'għamilx ir-riċerka meħtieġa.* | *L-istudent wera li għamel sforz minimu fir-riċerka li kellu jagħmel.* | *L-istudent għamel ir-riċerka meħtieġa u għamel użu tajjeb minn dak li sab.* | *L-istudent wera li għamel ir-riċerka u għamel użu tajjeb ħafna minn dak li sab.* | *L-istudent wera impenn sħiħ fir-riċerka li kellu jagħmel, u għamel użu eċċellenti minn dak li sab.* |
| *(a) l-għarfien fuq is-suġġett* | *L-istudent għandu ħafna nuqqas ta' għarfien fis-suġġett li dwaru kellu jagħmel ir-riċerka.* | *L-istudent ma weriex li laħaq il-livell tal-għarfien fis-suġġett li dwaru kellu jagħmel ir-riċerka.* | *L-istudent wera li fehem is-suġġett li dwaru kellu jagħmel ir-riċerka. Ma niżilx fil-fond tal-ħsieb u ma kienx analitiku.* | *L-istudent wera li fehem b'mod tajjeb is-suġġett li dwaru kellu jagħmel ir-riċerka. L-istudent ipprova jkun xi ftit analitiku imma ma laħaqx l-ogħla livelli.* | *L-istudent wera li fehem sewwa s-suġġett li dwaru kellu jagħmel ir-riċerka. L-istudent analizza b'mod kritiku r-riċerka li għamel.* |
| *(a) il-preżentazzjoni bil-miktub* | *L-istudent ma kienx korrett f'ħafna mill-materjal (avvenimenti u dettalji) li niżżel fil-preżentazzjoni tiegħu. L-istudent ippreżenta l-materjal b'mod fqir.* | *L-istudent inkluda ftit mill-materjal (avvenimenti u dettalji) li kellu jirriċerka dwaru.* | *L-istudent inkluda materjal biżżejjed (avvenimenti u dettalji) li kellu jirriċerka dwaru.* | *L-istudent inkluda bosta mill-materjal (avvenimenti u dettalji) li kellu jirriċerka dwaru. Ħafna mill-fatti mniżżla huma tajbin.* | *L-istudent inkluda bosta mill-materjal (kull avveniment u dettal) b'mod għaqli li kellu jirriċerka dwaru. Il-fatti mniżżla huma kollha korretti.* |

| A | B | C | D | E | F | G | H | I | J | K | L | M | N | O | P | Q |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | replace this text with the mark of Worksheet 1 | replace this text with the mark of Worksheet 2 | replace this text with the mark of Worksheet 3 | replace this text with the mark of Worksheet 4 | replace this text with the mark of Worksheet 5 | replace this text with the mark of Worksheet 6 | replace this text with the mark of Worksheet 7 | replace this text with the mark of Worksheet 8 | replace this text with the mark of Worksheet 9 | replace this text with the mark of Worksheet 10 | 15 | 15 | #VALUE! |
| Class | Index | Surname | Name | Worksheet 1 | Worksheet 2 | Worksheet 3 | Worksheet 4 | Worksheet 5 | Worksheet 6 | Worksheet 7 | Worksheet 8 | Worksheet 9 | Worksheet 10 | Kitba Kreattiva | Riċerka | Assessment (%) |

# Preżentazzjoni : Riċerka  u Kitba fit-Tul






Ms Angela Camilleri

# Riċerka u kitba fit-tul

Ħiliet:

1. Identifikazzjoni ta' Sorsi ta' informazzjoni
2. Selezzjoni tal-informazzjoni
3. Pjan ta' formulazzjoni u kitba fit-tul
4. Preżentazzjoni tar-riċerka/ kitba fit-tul



# 1. Identifikazzjoni ta' sorsi ta' informazzjoni

- Ngħin lill-istudenti jfittxu sorsi addattati kemm onlajn eżempju: websajts addattati u offline mill-kotba etc.
- Nagħti eżempji ta' dawn is-sorsi u ninkuraġġixxi lill-istudenti jsibu materjal simili eżempju jekk is-suġġett tar-riċerka huwa persunaġġ bħal San Massimiljanu Kolbe' nagħti eżempji ta' kotba dwaru u siti  li l-istudenti jistgħu jużaw.  Inħeġġeġ wkoll lill-istudenti jsibu materjal simili.
- Inkun lesti li niddiskuti mal-istudenti l-materjal li sabu u jekk huwiex addattat.



# 2. Selezzjoni tal-informazzjoni

Ħiliet:

- L-istudenti jagħrfu liema huma l-aktar biċċiet ta' informazzjoni importanti dwar is-suġġett li qed jirriċerkaw.
- Riċerka fuq San Massimiljanu Kolbe'
- liema aspetti mill-ħajja tiegħu għandhom jisiltu mis-sorsi?
- Niddiskuti mal-istudenti kif ser jisiltu l-informazzjoni u għaliex ħa jagħżlu ċertu informazzjoni u mhux oħra eżempju: jekk is-suġġett huwa San Massimiljanu Kolbe', kemm hija relevanti informazzjoni dwar il-familja tiegħu?

# 3. Pjan ta' formulazzjoni u kitba fit-tul




Ħiliet:

- L-istudenti jibnu il-kitba b'mod loġiku u li jkopri l-iskop tagħha.
- Ħiliet oħra relatati ma' essay planning eżempju brainstorming diagram.
- L-istudenti jirrikonoxxu jekk humiex iwieġbu t-tema/suġġett tal-kitba fit-tul/ riċerka eżempju: Jekk is-suġġett huwa l-altruiżmu ta' ċertu persunaġġi eżempju Irena Sendler l-informazzjoni li sabu u kif qed jiktbuha qegħda toħroġ kif Irena Sendler kienet altruista? L-iżvolġiment tal-kitba jagħmel sens kronoloġiku/ loġiku?

# 4. Preżentazzjoni tar-riċerka/ kitba fit-tul



Ħiliet:

- L-istudenti jagħrfu kif inhuma mistennija jippreżentaw ix-xogħol.
- X'inhu mistenni minnhom
- Li jipproduċu kitba forma ta' essay?,
- Li jipproduċu kitba u viżwali?,
- X'inhu l-prodott finali li hu mistenni minnhom?
- L-għalliema jiddiskutu mal-istudenti l-modi kif il-materjal jista' jiġi ppreżentat, jagħtu suggerimenti u eżempji u jwieġbu mistoqsijiet jew diffikultajiet tal-istudenti.
- Fil-limiti ta' dak li hu rikjest lill-istudenti jingħataw l-opportunita' li jesprimu l-ħiliet u l-kreattivita' tagħhom permezz tal-kitba kif ukoll tal-viżwal fejn opportun.

Massimiljano Kolbe



Kitba fit-Tul/ Riċerka - Gwida

Aqra sew in-noti li tajtek fuq dan il-Qaddis/a

- Ara li fhimt sew dak li hemm miktub.
- Erġa' irrevedi xi noti li ttieħdu waqt il-lezzjoni.
- Erġa' ara l-PowerPoint.
- Niżżel xi diffikultajiet li trid tistaqsini.

- Iddeċiedi il-mod kif se tippreżenta x-xogħol tiegħek eż : PowerPoint, Chart. fuq project Book, forma ta' essay.
- Ibda ppjana l-kitba /riċerka.
- Ibda aħdem fuq ix-xogħol li trid tippreżenta.



## Cont .....

- **Ara li tippreżenta x-xogħol tiegħek fil-ħin.**



# Massimiljano Kolbe



Kitba fit-Tul/ Riċerka - Gwida

Aqra Sew in-noti li tajtek fuq dan il-Qaddis/a

- Ara li fhimt sew dak li hemm miktub.
- Erġa'rrevedi xi noti li ttieħdu waqt il-lezzjoni.
- Erġa' ara l-PowerPoint.
- Niżżel xi diffikultajiet li trid tistaqsini

- Ibda ppjana l-kitba /riċerka.
- Iddeċiedi il-mod kif se tippreżenta x-xogħol tiegħek eż.: PowerPoint, Chart. fuq project Book,forma ta' essay
- Ibda aħdem fuq ix-xogħol li trid tippreżenta.

- Ara li tippreżenta x-xogħol tiegħek fil-ħin.






MISSION
ACCOMPLISHED!
memecrunch.com



# COPE SESSION 2024

**Ms Daniela Camilleri**

# Riċerka Seba` Sena

- F’madwar 150 kelma ikteb paragrafu dwar Santa Tereża ta’ Kalkutta billi twieġeb dawn il-mistoqsijiet:



# Riċerka



Spjega fil-qosor min kienet Tereża ta' Kalkutta?



Identifika r-raġuni għaliex Madre Tereża ħalliet il-kunvent?



Spjega billi tagħti raġuni għaliex Madre Tereża waqqfet il-kongregazzjoni tagħha?





Inti kif tista' tixbah lil Madre Tereża?





# Kitba Kreattiva Seba` Sena

- F'madwar 150 kelma iktab paragrafu dwar Papa Ġwanni Pawlu II billi twieġeb għall-mistoqsijiet kollha mogħtija hawn taħt:



# Kitba Kreattiva

Semmi kif il-Pontifikat ta' Ġwanni Pawlu II kien wieħed ta' kuntatt dirett man-nies. Agħti raġuni għat -tweġiba tiegħek.



Iddeskrivi għaliex baqa' msemmi Ġwanni Pawlu II. ?





X'tammira f'Papa Ġwanni Pawlu II ? Agħti eżempji.



Semmi episodju mill-ħajja ta' Papa Ġwanni Pawlu II u għid kif inti tirrelata ma' dan fil-ħajja tiegħek.



# Riċerka – Tmien Sena

# Riċerka - Tmien Sena

Ikteb fit-tul f'madwar 150 kelma billi twieġeb dawn il-mistoqsijiet.

1. X'taf tgħidli fuq il-karattru morali ta Ġesu'?

2. X'ried jurina Ġesu' bl-azzjoni tiegħu meta ħasel riġlejn l-Appostli fl-Aħħar Ċena?

3. B'liema mod il-Knisja tgħina nżommu lil Alla fl-ewwel post fil-ħajja tagħna?

4. X'inhi r-raġuni li l-azzjonijiet tagħna tajjeb li jkunu gwidati mill-persuna ta' Ġesu'?



# Kitba Kreattiva – Tmien Sena

# Kitba Kreattiva - Tmien Sena

- **Agħżel bejn Santa Marija Goretti JEW San Ġwanni Pawlu II**

Ikteb fit-tul f'madwar 150 kelma billi twieġeb dawn il-mistoqsijiet:

1. X'għamel f'ħajtu/ħajjitha biex wera/wriet il-virtu' tal-maħfra?
2. X'nitgħallem minn dan il-qaddis/a?
3. Kif nista' nimitah/ha?



# L-Assessjar

Is-Seba' u t-Tmien Sena



Ms Ritienne Frendo

# L-ASSESSJAR

**SUMMATTIV**

Eżami (Ġunju)

**40%**

**FORMATTIV**

Matul is-Sena

**60%**

## Formattiv - Kif ser nassessjaw matul is-sena?

| | Metodu | Kemm se nagħmlu? | Marki |
|---|---|---|---|
| 1 | **Worksheets** | 10 | 30% |
| 2 | **Kitba Kreattiva** | 1 | 15% |
| 3 | **Riċerka** | 1 | 15% |

# Is-Seba' Sena

| Metodu | | Suġġett | |
|---|---|---|---|
| **Worksheets (10)** | | 2 Worksheets minn kull Aspett tas-Suġġett. | 30% |
| **Riċerka**<br><br>**(1)** | Aspetti tas-Suġġett 5 | Ir-Rispett u l-Konvivjalitá<br><br>Nitkellem dwar personaġġi oħrajn li mxew fuq l-eżempju ta' Ġesù billi fil-ħajja tagħhom baqgħu juru rispett u fedeltà lejn dak li Alla ried minnhom.<br><br>1. Charles de Foucauld<br>2. San Ġorġ Preca<br>3. San Lawrenz<br>4. Irena Sandler<br>5. Iqbal Masih | 15% |
| **Kitba Kreattiva**<br><br>**(1)** | Aspetti tas-Suġġett 8 | Il-Kelma ta' Alla - Il-Bibbja<br><br>• Tagħrif ġenerali fuq il-Bibbja<br>• X'messaġġ ried iwasslilna Alla permezz tal-Bibbja | 15% |

# It-Tmien Sena

| Metodu | | Suġġett | |
|---|---|---|---|
| **Worksheets (10)** | | 2 Worksheets minn kull Aspett tas-Suġġett. | 30% |
| **Kitba Kreattiva**<br><br>**(1)** | Aspetti tas-Suġġett 2 | Ir-Reliġjon u s-Soċjetà<br><br>• L-Ekoloġija<br>• Il-Bibbja u l-ambjent<br>• Il-Knisja u l-ambjent<br>• Jiena u l-ambjent | 15% |
| **Riċerka**<br><br>**(1)** | Aspetti tas-Suġġett 10 | Mudelli ta' gwida għal ħajti<br><br>Riċerka dwar il-ħajja ta' personaġġ <u>(wieħed)</u> ta' qdusija (mill-imgħoddi u dawk riċenti) li ħaddan l-virtujiet Kristjani tal-kuraġġ u faqar. Iridu jagħżlu minn:<br><br>• Santa Klara<br>• Santa Tereża ta' Kalkutta<br>• San Franġisk t'Assisi<br><br>Fir-riċerka għandhom jiktbu u juru:<br><br>• Ftit informazzjoni ġenerali (data tat-twelid, post eċċ).<br>• kif ħaddnu l-virtù tal-faqar;<br>○ fil-mod kif għexu;<br>○ fil-mod kif ġabu ruħhom mal-oħrajn. | 15% |

# WORKSHEETS (x10)

- Tnejn f'kull Aspett tas-Suġġett
- Tinħadem fil-Klassi





Is-Seba' Sena - Worksheet 1 Ms. R. Frendo

ASSESSJAR

## Ir-Reliġjonijiet

Isem: ____________________ Klassi: ________

**1. Itfa' dawn il-kliem fil-post it-tajjeb.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Iżlam | Alla | Ġudaiżmu | Kristjaneżmu | allat |

Hemm reliġjonijiet li jemmnu f'A__________ wieħed, u hemm oħrajn li jemmnu f'ħafna a__________. Dawk ir-reliġjonijiet li jemmnu f'Alla wieħed huma:

_______________ _______________ _______________

*(5 marki)*

**2. Kompli s-sentenza li qal Ġesù:**

"Jiena hu t-Triq, il-V__________ u l-Ħajja!"

*Ġesù qal hekk għax hu dejjem jgħid il-Verità!* *(3 marki)*

# RIĊERKA (x1)

*Ir-Rispett u l-Konvivjalità*

- Tinħadem id-dar
- Preżentazzjoni fil-klassi

**15-il marka!**



jew





# RIĊERKA (x1)

*Ir-Rispett u l-Konvivjalità*

- Fil-Klassi
- Preżentazzjoni fil-klassi

**15-il marka!**






# RIĊERKA (x1)

*Mudelli ta' Gwida għal Ħajti*

- Fil-Klassi
- Preżentazzjoni fil-klassi

**15-il marka!**



Kapitlu 4 – Mudelli ta' Gwida għalina    Ms. R. Frendo

ASSESSJAR

Riċerka

SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA

Fittex dwar Santa Tereża ta' Kalkutta u ikteb ftit informazzjoni dwarha. Ikteb ukoll x'għamlet din matul ħajjitha biex imxiet fuq l-eżempju ta' Ġesù.

Data tat-Twelid: ______

Post: ______

X'għamlet speċjali matul ħajjitha?

Kapitlu 4 – Mudelli ta' Gwida għalina    Ms. R. Frendo

ASSESSJAR

Riċerka

SAN FRANĠISK

Fittex dwar San Franġisk u ikteb ftit informazzjoni dwaru. Ikteb ukoll x'għamel dan matul ħajtu biex mexa fuq l-eżempju ta' Ġesù.

Data tat-Twelid: ______

Post: ______

X'għamel speċjali matul ħajtu?

Kapitlu 4 – Mudelli ta' Gwida għalina    Ms. R. Frendo

ASSESSJAR

Riċerka

SANTA KLARA

Fittex dwar Santa Klara u ikteb ftit informazzjoni dwarha. Ikteb ukoll x'għamlet din matul ħajjitha biex imxiet fuq l-eżempju ta' Ġesù.

Data tat-Twelid: ______

Post: ______

X'għamlet speċjali matul ħajjitha?



## RIĊERKA (x1)

| | Marka | 2 marki | 3 marki | 4 marki | 5 marki |
|---|---|---|---|---|---|
| **L-Impenn** | M'għamiltx ir-riċerka meħtieġa. | Urejt li għamilt sforz minimu fir-riċerka li kellek tagħmel. | Għamilt ir-riċerka meħtieġa u għamilt użu tajjeb minn dak li sibt. | Urejt li għamilt ir-riċerka u għamilt użu tajjeb ħafna minn dak li sibt. | Urejt impenn sħiħ fir-riċerka li kellek tagħmel, u għamilt użu eċċellenti minn dak li sibt. |
| **L-Għarfien fuq is-suġġett** | Għandek nuqqas ta' għarfien fis-suġġett li dwaru kellek tagħmel ir-riċerka. | Ma lħaqtx il-livell tal-għarfien fis-suġġett li dwaru kellek tagħmel ir-riċerka. | Fhimt is-suġġett li dwaru kellek tagħmel ir-riċerka. Ma nżiltx fil-fond tal-ħsieb u ma kontx analitiku. | Urejt li fhimt b'mod tajjeb is-suġġett li dwaru kellek tagħmel ir-riċerka. Ippruvajt tkun xi ftit analitiku imma ma lħaqtx l-ogħla livelli. | Urejt li fhimt sewwa s-suġġett li dwaru kellek tagħmel ir-riċerka. Analizzajt b'mod kritiku r-riċerka li għamilt. |
| **Il-Preżentazzjoni bil-miktub** | Ma kontx korrett f'ħafna mill-materjal (avvenimenti u dettalji) li niżżilt fil-preżentazzjoni tiegħek. Ippreżentajt il-materjal b'mod fqir. | Inkludejt ftit mill-materjal (avvenimenti u dettalji) li kellek tirriċerka dwaru. | Inkludejt materjal biżżejjed (avvenimenti u dettalji) li kellek tirriċerka dwaru | Inkludejt bosta mill-materjal (avvenimenti u dettalji) li kellek tirriċerka dwaru. Ħafna mill-fatti mniżżla huma tajbin. | Inkludejt bosta mill-materjal (kull avveniment u dettall) b'mod għaqli li kellek tirriċerka dwaru. Il-fatti mniżżla huma kollha korretti |

## Kitba Kreattiva (x1)

- Tinħadem fil-klassi
- Forma ta' Komponiment

15-il marka!





# Kitba Kreattiva (x1)

- Tinħadem fil-klassi
- Forma ta' Komponiment

**15-il marka!**



ASSESSJAR

**Kitba fit-Tul**

***Wieġeb f'paragrafi fuq fullscap.***

1. **Il-Bibbja hi ktieb-gwida għalina l-Insara.**
   (marka)
   a. Spjega għaliex hi ktieb-gwida għalina.
   (2 marki)
   b. Agħti informazzjoni dwar il-Bibbja.
   (2 marki)
   c. Kif tinqasam il-Bibbja, u x'kotba tista' ssib fiha?
2. **L-Awtur tal-Bibbja hu Alla, imma qabbad lil xi kittieba biex jiktbu.**
   (2 marki)
   a. Min hu l-awtur tal-Bibbja u xi rwol kellhom il-kittieba?
   (3 marki)
   b. Semmi xi stili ta' kitbiet fil-Bibbja.
   (marka)
   c. X'inhi ispirazzjoni?
3. **Alla ried iwasslilna messaġġ permezz tal-Bibbja.**
   (marka)
   a. Xtip ta' messaġġ ried iwassal Alla permezz tal-Bibbja?
   b. B'liema mod naraw din l-Imħabba ta' Alla fil-Bibbja? Irrakkonta billi ġġib xi eżempji.
   (3 marki)

**(15-il marka)**



**Kitba fit-Tul** – ***Wieġeb dawn il-mistoqsijiet f'paragrafi fuq fullscap.***

1. **L-Ekoloġija**
   a. X'inhi ekoloġija?
   b. Min ħalaq dak kollu li hemm madwarna?
   (marka)
   (marka)
   c. Semmi **tliet** eżempji kif taħseb li l-bniedem qiegħed jeqred l-ambjent.
2. **Il-Bibbja u l-Ambjent.**
   (3 marki)
   a. Liema rakkont juri li Alla ħalaq kollox?
   (marka)
   b. Semmi **żewġ** eżempji meta Ġesù kien isemmi l-ambjent. (2 marki)
3. **Il-Knisja u l-ambjent**
   a. Semmi xi dokument li ħarġet il-Knisja u ddeskrivi l-punti prinċipali li hemm fih dwar l-ambjent.
   (2 marki)
   b. Agħżel qaddis li kien iħobb l-ambjent u ikteb sentenza dwaru.
   (2 marki)
4. **Jiena u l-ambjent.**
   a. Ikteb **tliet** affarijiet biex turi' x'tista' tagħmel inti għal ambjent aħjar.
   (3 marki)

Total = 15-il marka



# Kitba Kreattiva (x1)

- Tinħadem fil-klassi

**15-il marka!**



ASSESSJAR

**Niktbu dwar il-Bibbja...**

Wieġeb dawn il-mistoqsijiet dwar il-Bibbja f'sentenzi.

1. X'inhi l-Bibbja?
2. Kemm hemm kotba fil-Bibbja, u kif jinqasmu?
3. Min kiteb il-Bibbja?
4. Semmi xi stili differenti fil-Bibbja.
5. Agħżel storja mill-Bibbja u rrakkontaha biex turi kif Alla jħobbna.

(15-il marka)



It-Tmien Sena

Ms. R. Frendo

**Niktbu Paragrafu!**

**Agħżel waħda minn dawn u ikteb paragrafu dwarha:**

1. Il-Ħolqien fil-Ġenesi
2. Ġesù u l-Ambjent
3. Il-Knisja u l-Ambjent
4. Qaddisin li ħadmu favur l-ambjent
5. X'nista' nagħmel jiena għal ambjent aħjar?

Titlu: __________

(15-il marka)

29



## Kitba Kreattiva (x1)

| | Marka | 2 marki | 3 marki | 4 marki | 5 marki |
|---|---|---|---|---|---|
| **L-Għarfien fuq is-suġġett** | Fil-kitba tiegħek ma lħaqtx il-livell mistenni marbut mal-għarfien tas-suġġett. Ma semmejtx u spjegajt dak li kien mitlub minnek. | Fil-kitba tiegħek, urejt ftit impenn fl-għarfien tas-suġġett. Għalkemm semmejt ftit punti ma spjegajthomx fid-dettall. | Fil-kitba tiegħek urejt li għandek għarfien tas-suġġett u semmejt il-punti meħtieġa iżda ma spjegajthomx fid-dettall. | Fil-kitba tiegħek, urejt kompetenzi tajbin ħafna fl-għarfien tas-suġġett u semmejt ħafna mill-punti mitluba minnek u spjegajthom b'mod tajjeb ħafna. | Fil-kitba tiegħek, urejt b'mod eċċellenti li fhimt is-suġġett, u semmejt u spjegajt il-punti kollha meħtieġa b'mod dettaljat. |
| **Il-kunċett reliġjuż marbut mat-tema** | F'dak li ktibt, inqast milli tagħti eżempji konkreti u tapplika l-ftit tagħrif li taf mal-għarfien li għandek fis-suġġett. | Fil-kitba tiegħek, daħħalt ftit informazzjoni relatata mat-tagħlim tal-Knisja, it-twemmin Nisrani u l-fidi reliġjuża. | Fil-kitba tiegħek, daħħalt biżżejjed informazzjoni marbuta mat-tagħlim tal-Knisja, mat-twemmin Nisrani u l-fidi reliġjuża. | Fil-kitba tiegħek urejt livell tajjeb ħafna tal-kunċett reliġjuż u daħħalt informazzjoni relatata mat-tagħlim tal-Knisja, mat-twemmin Nisrani u l-fidi reliġjuża. | Daħħalt b'mod relevanti l-kunċett reliġjuż. Fil-kitba tiegħek, urejt livelli għoljin ħafna tat-tagħlim tal-Knisja, tat-twemmin Nisrani u l-fidi reliġjuża. |
| **L-Applikazzjoni** | F'dak li ktibt, inqast milli tagħti eżempji konkreti u tapplika l-ftit tagħrif li taf mal-għarfien li għandek fis-suġġett. | F'dak li ktibt, ma żviluppajtx biżżejjed kif dak li taf se tapplikah għall-ħajja ta' kuljum. | F'dak li ktibt semmejt xi ftit eżempji konkreti li bihom urejt li taf tapplika t-tagħrif mal-ħajja ta' kuljum. | F'dak li ktibt, urejt ħiliet tajbin marbuta mas-suġġett u kont kapaċi ssemmi eżempji konkreti mill-ħajja ta' kuljum. | F'dak li ktibt, urejt ħiliet eċċellenti marbuta mas-suġġett u kont kapaċi tapplika dak li taf b'diversi eżempji konkreti mill-ħajja ta' kuljum. |

# Indaħħlu l-marki...




| Class | Name | Worksheet 1 | Worksheet 2 | Worksheet 3 | Worksheet 4 | Worksheet 5 | Worksheet 6 | Worksheet 7 | Worksheet 8 | Worksheet 9 | Worksheet 10 | Kitba fit-tul | Riċerka | Total | Assessment /100 | Assessment (60%) | Exam /100 | Exam (40%) | FINAL MARK |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | 20 | 20 | 20 | 20 | 20 | 20 | 20 | 20 | 20 | 20 | 15 | 15 | 230 | | | 100 | 0 | 0 |
| 701 | Bradley Abela | 16 | 13 | 19 | 20 | | 18 | 20 | | | | | 10 | 116 | 73 | 44 | | 0 | 44 |
| 701 | Julia Attard | 16 | 17 | 20 | 20 | 14 | 20 | 18 | | | | | 14 | 139 | 87 | 52 | | 0 | 52 |
| 701 | Yurie Emmanuel | 18 | 17 | 16 | 20 | 13 | 18 | 20 | | | | | 14 | 136 | 85 | 51 | | 0 | 51 |
| 701 | Keyana Brydon | 20 | 20 | 20 | 20 | 20 | 20 | 20 | | | | | 11 | 151 | 94 | 57 | | 0 | 57 |
| 701 | Dean Camilleri | 16 | 19 | 15 | 19 | 12 | 14 | 20 | | | | | 7 | 122 | 76 | 46 | | 0 | 46 |
| 701 | Anthony Ebejer | 18 | 15 | 20 | 20 | 17 | 18 | 17 | | | | | 14 | 139 | 87 | 52 | | 0 | 52 |
| 701 | Jamie Ellul | 15 | 18 | 19 | 19 | 20 | 18 | 19 | | | | | 6 | 134 | 84 | 50 | | 0 | 50 |
| 701 | Tyana Falzon | 20 | 20 | 18 | 19 | 20 | 20 | 17 | | | | | 12 | 146 | 91 | 55 | | 0 | 55 |
| 701 | Giulia Farrugia | 19 | 16 | 20 | 20 | 20 | | | | | | | 15 | 110 | 69 | 41 | | 0 | 41 |
| 701 | Rylan Farrugia | 18 | 18 | 20 | 18 | 15 | 18 | 20 | | | | | 12 | 139 | 87 | 52 | | 0 | 52 |
| 701 | Wyatt Fenech | 16 | 20 | 17 | 18 | 20 | 20 | 19 | | | | | 13 | 143 | 89 | 54 | | 0 | 54 |
| 701 | Nathan Grima | 18 | 12 | 20 | 20 | 17 | 16 | 14 | | | | | 13 | 130 | 81 | 49 | | 0 | 49 |
| 701 | Elishia Haidon | 18 | 20 | 20 | 20 | 20 | 19 | 20 | | | | | 14 | 151 | 94 | 57 | | 0 | 57 |
| 701 | Jael Tabone | 20 | 20 | 17 | | 19 | 18 | 20 | | | | | 12 | 126 | 79 | 47 | | 0 | 47 |
| 701 | Jake Testa | 18 | 20 | 19 | 20 | 20 | 18 | 20 | | | | | 13 | 148 | 93 | 56 | | 0 | 56 |
| 701 | Amber Vella | 18 | 12 | 19 | 20 | 20 | 18 | 20 | | | | | 11 | 138 | 86 | 52 | | 0 | 52 |
| 701 | Clayane Xuereb | 18 | 15 | 20 | 20 | 17 | 18 | 20 | | | | | 11 | 139 | 87 | 52 | | 0 | 52 |
| 703 | Amber Graziella Apa | 18 | 19 | 18 | 20 | 17 | 15 | | | | | | 14 | 121 | 76 | 45 | | 0 | 45 |
| 703 | Zaiden Attard | 15 | 12 | 17 | 20 | 19 | 20 | 20 | | | | | 3 | 126 | 79 | 47 | | 0 | 47 |
| 703 | Zeah Bugeja | | | 19 | 17 | 18 | 15 | 20 | | | | | 0 | 89 | 56 | 33 | | 0 | 33 |
| 703 | Adam Cutajar | 19 | 16 | 14 | 18 | 19 | 20 | 20 | | | | | 10 | 136 | 85 | 51 | | 0 | 51 |
| 703 | Jake Galea | 17 | 13 | 13 | 14 | 18 | 18 | 15 | | | | | 5 | 113 | 71 | 42 | | 0 | 42 |
| 703 | Ella Gatt | 20 | 17 | 19 | 19 | | 17 | 14 | | | | | 14 | 120 | 75 | 45 | | 0 | 45 |

# Skola Medja – Kulleġġ t'Għawdex

**Għalliema:** Ms Sandra Debono
Ms Emma Attard
Ms Vanessa Attard

# Metodi ta’ Assessjar

- Workbooks maħduma mill-għalliema
- Task fi tmiem ta’ kull Focus
- Kitba Kreattiva
- Riċerka







# Workbook maħdum mill-Għalliema

- Flimkien ħdimna fuq 'Workbooks' għal kull sena, kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż.
- L-għan prinċipali huwa li l-istudenti jkollhom kollox miġbur, kemm noti kif ukoll eżerċizzji li wħud minnhom jintużaw bħala Tasks infushom.
- L-eżerċizzji ta' kull 'Workbook' ġew magħżula b'reqqa u b'varjazzjoni, li jilħqu l-abilita' ta' kull student/a.

# TASK fi tmiem ta' kull Focus

- Dawn it-Tasks isiru prinċipalment sabiex l-istudenti jirrevedu dak li jkunu għamlu fil-lezzjonijiet ta' qabel.
- Sabiex nilħqu l-abilita' ta' kull student/a, kull Task hija varjata.
- Tasks li nużaw huma:

  ⇨ *Quizz permezz tal-**Kahoot**, **Quizziz** jew **F orms***

  ⇨ ***Kwizz fil-Klassi***

  ⇨ ***Worksheet li tinħadem fil-klassi***

  ⇨ ***Learning Apps & Wordwall Games***

# KITBA KREATTIVA

- L-għalliema jiddiskutu liema l-aħjar *suġġett/topik* li għandu jingħata lill-istudenti.
- Fil-lezzjoni niddiskutu dwar dan is-suġġett/topik li  se jingħata. Inħejju wkoll video clips apposta sabiex l-istudenti jkunu familjari ma' dak li jridu jagħmlu.
- Nagħtu ċans lill-istudenti nfushom jagħtu l-opinjoni u l-għarfien tagħhom dwar dak li qed jisimgħu/jitgħallmu u jagħżlu huma kif iridu jippreżentawha lil sħabhom.
- Titlob pjan biex tgħin fit-tqassim tal-kitba, (brainstorming)



# RIĊERKA

- L-istudenti jsibu materjal mid-dar u fi gruppi jiddiskutu bejniethom u jagħmlu preżentazzjoni fuq ‘Chart’ jew ‘powerpoint’.
- Dawk il-klassijiet b’abilitajiet differenti, l-għalliema tgħid lill-istudenti sabiex iġibu stampi u tinħadem storja permezz ta’ stampi, tip ta’ ‘jigsaw puzzle’. L-istudenti jiktbu sentenzi żgħar biex jirrakkontaw il-ġrajja jew il-personaġġ.



# CONTINUOUS ASSESSMENT TASKS - RE

Jonathan laferla

# YEAR 7 – FOCUS 5

# IR-RISPETT U L-KONVIVJALITÀ

Agħżel personaġġ relatat ma' Malta (San Pawl jew San Ġorġ Preca).

Irriċerka dwaru, ikteb kif laqtek u inkludi dak l-aspett li tixtieq timita f'ħajtek.

Sib stampa jew stampi tal-personaġġ.







Dun Ġorġ twieled fil-Belt Valletta, fit-12 ta' Frar 1880
Irċieva nisranija mingħand il-ġenituri tiegħu
L-istudji tiegħu għamilhom fil-Liceo u fis-Seminarju
kien ta' saħħa fraġli, tant li meta kien djaknu marad
serjament u t-tabib tiegħu ma kellu ebda fiduċja li
jfiq. Iżda bl-interċessjoni ta' San Ġużepp, fieq u ordna
sacerdot fit-22 ta' Diċembru 1906. Sa minn qabel ma
sar qassis, Dun Ġorġ intebaħ li l-poplu ta' Alla kien
jinħtieġ min jgħallmu. Beda jikteb regola bil-Latin
bil-ħsieb li jibgħata lill-Papa San Pju X biex iwaqqaf
Soċjetà ta' djakni permanenti, kalli jgħinu lill-isqfijiet
fil-formazzjoni nisranija bit-tagħlim. Is-Soċjetà rat id-dawl
tagħha fl-ewwel xhur ta' l-1907, fil-Ħamrun. Is-Soċjetà
tad-Duttrina Nisranija hi magħrufa l-aktar bil-motto tagħha
M.U.S.E.U.M. – Magister utinam sequatur Evangelium
Mundus. Fi żmienu, Dun Ġorġ innifsu bagħat sitt membri
biex jevanġelizzaw fl-Awstralja. Illum, is-Soċjetà
tal-M.U.S.E.U.M. għandha wkoll djar tat-tagħlim u skejjel
fis-Sudan, fil-Kenja, fil-Perù, f'Londra, fl-Albanija u iktar
riċentament fil-Polonja u f'Kuba. Dun Ġorġ miet f'Santa Venera
fis-26 ta' Lulju 1962. Il-fdal tiegħu jinsab midfun fil-kappella
tad-Dar Ġenerali tas-Soċjetà fil-Blata l-Bajda. Il-kawża tal-
Beatifikazzjoni tiegħu nbdiet fl-1975 u fid-9 ta' Mejju 2001
Dun Ġorġ kien iddikjarat Beatu mill-Papa Ġwanni Pawlu II
fil-Quddiesa tal-Beatifikazzjoni fuq il-Fosos tal-Furjana
Malta. Dun Ġorġ ġie ddikjarat qaddis nhar il-Ħadd 3 ta' Ġunju
2007 mill-Papa Benedittu XVI fil-Pjazza tal-Vatikan.


SAN ĠORĠ PRECA
MALTA POST
Malta - 28 May 2007
Grazzi Sinjur Alla,
u aħfirli Sinjur Alla
SAN ĠORĠ PRECA
DUN ĠORĠ
1880 - 1962

JGĦODD GĦAL MIN HU:

VERBALI
VIŻWALI
MHUX ESPERT FIL-KITBA

ISTRUZZJONIJIET LI JKUNU ĊARI U SEMPLIĊI

GĦAJNUNA FEJN HEMM BŻONN LIL MIN ISIB DIFFIKULTÀ

# YEAR 7 – FOCUS 7

# ASPETTI TA’ SFIDI FL-ESPERJENZA UMANA

Immaġina li inti ħabib/a ta’ Anne Frank u bħalha qed tikteb djarju – WAĦDEK

Immaġina li inti general ta’ Hitler u se tiktiblu ittra jew djalogu tikkonvinċieh ibiddel fehmtu. – WAĦDEK JEW FI GRUPP

Ikteb role play tal-istorja ta’ Massimiljanu Kolbe - FI GRUPP



[redacted]

# Religion

we used our imagination

**Jade** = Adolf Hitler / A.H.

**Nicole** General / G.

General knocks onto Adolf Hitler office door

who is it?
Its me, the General
what do you want?
I want to speak to you about somthing sir. Are you busy?
No, I'm not busy. I was just looking at the hidden cameras of the consentration camps. Is it really important?
yes it is very important, sir.
(roalls eyes) okay, I guess you can come in.
General comes inside office

I want to speak to you about the Holocaust you are causing sir.
(shouting) OH! Don't get me started on this. I don't want you lectoring me I am the (points at G) boss of you
sir, you are killing many people and they are humans like us. you shouldn't do thing like this. You should not kill them
so what they are Jews. They are bad people to the sociaty
But sir, you don't just kill many Jews around the country. You also kill Gay men, ukrainians, beggers, chen

Eċċellenza Tiegħu

Adolf Hitler

Kanċillier tar-Reich Ġermaniż

Berlin, il-Ġermanja.

Jien il-Ġeneral Tonna, u ilni fis-servizz ħames snin. Qed nikteb din l-ittra peress li ġejt taħt pressjoni minn diversi uffiċjali mir-reġimenti li nikkmanda dwar is-sitwazzjoni tal-Olokawst. Għalkemm naħseb li din l-ittra ma tkunx importanti għalik, xorta ddeċidejt li nikteb dwar il-ħsibijiet tagħna.

Tinduna li jiena ċert li madwar l-Ewropa, mijiet ta' miljuni ta' bnedmin qed jgħixu llum fil-biża' kostanti ta' din il-gwerra li għaddejja. Dan jinkludi wkoll is-suldati li huma għas-servizz tiegħek u li huma wkoll mitt kilometru bogħod mill-familji tagħhom.

Huwa ovvju li bħalissa, int l-unika persuna f'din id-dinja li għandha s-setgħa li twaqqaf din il-gwerra u wkoll twaqqaf ir-razziżmu li jeżisti u jikkawża l-Olokawst. Naf li skont il-ktieb tiegħek 'Mein Kompf', int indirizzajt lil-Lhud bħala parassita fil-ġisem ta'ġnus oħra u ddikjarajt li meta tkun fil-poter, l-ewwel ħidma tiegħek tkun l-qerda tal-Lhud.

Naħseb li tiehu iċ-ċittadinanza tagħhom huwa biżżejjed; m'għandekx bżonn tmur estrem. Anke jekk tħoss li setgħu ttradew lill-pajjiż, aħna nemmnu li t-trattament tagħhom bħall-annimali huwa inuman. Kif forsi ġejt infurmat, żewġ miljun Lhudi fi ftit snin ġew maqtula bil-massa u sparati u mitfugħin ġo ħofor. Xi drabi, in-nies huma wkoll sfurzati jimmarċjaw lejn is-sit tal-eżekuzzjoni, sfurzati jneħħu il-ħwejjeġ, u sparati f'ħofor li qabel

JGĦODD GĦAL MIN HU:

KINEASTHETIC LEARNER
KREATTIV FIL-KITBA U L-IMMAĠINAZZJONI
TA' STIMA BAXXA – LI TIDHER QUDDIEM IN-NIES
GĦAL MIN DILETTANT TAL-ISTORJA

L-OPTION LI TAĦDEM WAĦDEK BAQGĦET HEMM

GĦAJNUNA LIL MIN ISIB DIFFIKULTÀ

# GRAZZI

**Is-Seba' Sena** **Riċerka**

- Din ir-riċerka hija parti mill-Assessjar kontinwu għall-istudenti tas-Seba' Sena.
- Din il-ħidma ser issir fuq bażi individwali.
- Ir-riċerka trid tkun ta mhux inqas minn mitt (100) kelma.
- Il-marki ser jingħataw fuq **l-impenn biex tinġabar l-informazzjoni u l-għarfien tal-personaġġ, kif ukoll għall-preżentazzjoni tal-istudent/a.**
- Il-personaġġ li ser issir ir-Riċerka fuqu huwa **San Ġwanni Pawlu t-Tieni**

**(St John Paul the Second or St John Paul II).**



**Ir-riċerka trid tingħata lill-għalliema**

**sa nhar il-Ġimgħa 15 ta' Marzu 2024**

**IS-SEBA' SENA** **KITBA KREATTIVA**

Bħala parti mill-Assessjar Kontinwu li huwa parti mill-marka totali tal-aħħar tas-sena, għandna wkoll il-Kitba Kreattiva li tiġbor fiha 20 marka.

**L-ittra trid tkun twila madwar 100 kelma**

Għalhekk ser tikteb ittra lil Ġesù marbuta ma' żmien il-Milied.

L-ittra trid tkun maqsuma kif ġej:

**Kulleġġ San Injazju**

**Skola Medja**

**Tal-Ħandaq,Ħal-Qormi**

**3 ta' Novembru, 2023**

.

**Għażiż Ġesù,**

**Illum iddeċidejt li nuża ftit ħin biex niktiblek din l-ittra.**

**Nixtieq li nibda biex nirringrazzjak.................**

**Nieħu din l-opportunita biex nitolbok taħfirli ................**

**Wasalna fi żmien li fih infakkru t-twelid tiegħek. Imma ħafna Nsara fi Żmien il-Milied ikunu aljenati jippreparaw .........................u jinsew li l-Milied huwa l-festa tiegħek.**

**F'pajjiżna wkoll għandna drawwiet sbieħ marbuta mal-Milied bħala.............**

**Din is-sena nixtieq minn qalbi li ..........................**

**Nixtieq nitolbok għal ........................................**

**Nitolbok tberikni u tbierek lill-familja tiegħi**

**Awguri fi twelidek!**

**Dejjem tiegħek,**

______________________

**Ftakar li dan l-ittra se jkollha 15-il marka, mill-marka totali Annwali**

**IS-SEBA' SENA** **KITBA KREATTIVA**

Bħala parti mill-Assessjar Kontinwu li huwa parti mill-marka totali tal-aħħar tas-sena, għandna wkoll il-Kitba Kreattiva li tiġbor fiha 20 marka.

L-ittra trid tkun twila madwar 100 kelma

Għalhekk ser tikteb ittra lil Papa Franġisku, li hu l-Mexxej tal-Knisja Kattolika.

L-ittra trid tkun maqsuma kif ġej:

**Kulleġġ San Injazju**

**Skola Medja**

**Tal-Ħandaq,Ħal-Qormi**

**26 ta' Marzu, 2022**

**Għażiż Papa Franġisku,**

- **Jiena**........
- l-ewwel introduċi ftit lilek innifsek:
- ismek u kunjomok
- kemm għandek żmien
- fejn toqgħod – il-parroċċa u lil min hi ddedikata
- fejn tattendi skola u f'liema sena tinsab
- **Qed nistenna bil-ħerqa ż-żjara tiegħek f'Malta. Meta tkun Malta nixtieqek li żżur**............(semmi xi post interessanti u li huma marbuta mar-Reliġjon Kattolika)
- **Għażiż Papa Franġisku nixtieq nistaqsik** .........(staqsi lil Papa xi ħaġa li tixtieq tkun taf dwarha)
- **Jien qed titlob għalik biex**.............
- **Nagħlaq din l-ittra billi nitolbok biex fit-talb tiegħek titlob lil Ġesù** .......(semmi persuni jew sitwazzjonijiet li trid lil Papa jitlob għalihom, pereżempju għall-Knisja f'Malta, għall-familji fil-bżonn, għat-tfal morda, eċċ)
- **Nirringrazzjak talli minkejja li għandek ħafna xogħol sibt ħin biex taqra din l-ittra tiegħi.**

**Nitolbok tberikni.**

**Dejjem tiegħek,**

______________

**IS-SEBA’ SENA   RIĊERKA   SANTA TEREŻA TA’ KALKUTTA**

1. Meta twieldet Santa Tereża ta’ Kalkutta?
2. X’isem tawha meta twieldet?
3. F’liema pajjiż twieldet?
4. Kemm kellha żmien meta daħlet soru?
5. X’kienet l-ewwel ħidma tagħha bħala soru?
6. Għalfejn telqet mill-komunita tas-Sorijiet ta’ Loreto?

7. Liema hi l-komunita li waqqfet?

8. X'inhi l-ħidma li jwettqu s-sorijiet li waqfet hi?

9. Għal xhiex baqgħet imsemmija Santa Tereza ta' Kalkutta?

10. Ikteb ġrajja li għaddiet minnha Santa Tereża.

11. Meta mietet Madre Tereża?

12. Meta ġiet ddikjata qaddisa?

13. Meta niċċelebraw il-festa tagħha?

14. Ikteb **tliet sentenzi** ta' tagħlim li kienet tgħid Santa Tereza ta' Kalkutta.

# Is-Seba' Sena Riċerka

- Din ir-riċerka hija parti mill-Assessjar kontinwu għall-istudenti tas-Seba' Sena.
- Din il-ħidma ser issir fuq bażi individwali.
- Ir-riċerka trid tkun ta mhux inqas minn mitt (100) kelma.
- Il-marki ser jingħataw fuq **l-impenn u l-għarfien tas-suġġett , kif ukoll għall-preżentazzjoni tal-istudent/a.**
- Il-personaġġ li ser issir ir-Riċerka fuqu huwa **San Massimiljanu Maria Kolbe**

**<u>Ir-riċerka trid tingħata lill-għalliema sa nhar il-Ġimgħa 12 ta' Mejju, 2023.</u>**



# RELIGION

## CoPe session
## May 2024